**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 17 ta' Novembru, 2016

Rikors Nru : 384/2016 AL

**AB**

**Vs**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li gie kkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

Illi l-partijiet izzewgu nhar is-sebgha (7) ta' Lulju tas-sena elfejn (2000) (vide Dok. A anness).

Illi l-partijiet ghandhom zewgt itfal u cioe` X, li llum ghandu tlieta u ghoxrin (23) sena u l-minuri Y li ghandha erbatax (14)-il sena;

Illi l-partijiet ilhom legalment separati b'kuntratt redatt minn Nutar Dr. Gertrude Farrugia Wismayer sa mill-wiehed u ghoxrin (21) ta' Dicembru tas-sena elfejn u sebgha (2007) (vide Dok. B anness);

Illi ghalhekk il-partijiet ilhom aktar minn erba` (4) snin separati legalment u de facto u m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom;

Illi skont l-anness kuntratt ta' separazzjoni personali (Dok. B) il-partijiet irrinunzjaw reciprokament ghad-dritt li jircievu manteniment minghand xulxin;

Illi l-pendenzi kollha bejn il-partijiet rizultanti mill-anness kuntratt ta' separazzjoni personali, inkluz dawk ai termini tal-klawsoli bin-numri tlieta u ghoxrin (23), erbgha u ghoxrin (24) u disgha u ghoxrin (29) tal-istess, gew sodisfatti a pjenu saldu tal-partijiet rispettivi u ghahekk ma fadal l-ebda pendenzi bejn il-partijiet;

Illi l-fatti kollha permessi jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal ksib tad-divorzju u/jew hall taz-zwieg ai termini tal-Artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talab, in vista tal-premess, illi l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-16 ta' Awwissu 2016 ;

Semghet lill-intimata prezenti fl-awla tiddikjara illi moralment ma taqbilx mad-divorzju izda kkonfermat illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-21 ta' Dicembru 2007 ;

Illi r-rikorrenti ippruvat illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrent irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul ;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.